**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 430/2019 AGV**

**AB (ID nru: 174989M)**
**Vs**
**CD (ID nru :42086M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit-18 ta' Mejju 2013, u dan skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-partijiet ilhom separati mill- 24 ta’ Frar 2017, permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness bhala Dok. B izda ihom separati de facto sa mil- 25 ta’ Gunju 2015;
3. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn 4 snin separati de facto;
4. Illi l-partijiet minn daz-zwieg kellhom tifel wiehed, jismu EDB, li ghadu minorrenni;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;
6. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti ghajr Settembru ta’ dis-sena;
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16. tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost , l-esponenti umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qori, joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie iccelebrat nhar it- 18 ta’ Mejju 2013;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-Qorti rat ir-risposta ta' Jurgen Gauci, tas-6 ta' Novembru 2019, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-esponenti ma jsibx oggezzjoni anzi jaqbel illi dina l-onorabbli Qorti tippronunznja l-hall taz-zwieg tal-partijiet li gie iccelebrat nhar it- 18 ta' Mejju 2013 u illi r-registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg, tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li, ghalhekk, jissussistu l-elementi kollha rikjesti bil-ligi sabiex il-Qorti tkun tista' taghti d-divorzju lill-partijiet;

Ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**